# I. X'TGHIDILNA L-BIBBJA

## (A) Ic-centralità ta' Kristu

Anke jekk flimkien ser nippruvaw niccentraw ftit id-diskors taghna fuq ir-referenzi biblici fuq ix-xitan u l-hidma tieghu, ma ninsewx li Kristu Gesù ghandu l-post centrali assolut fl-Iskrittura. Fuqu rridu nitkellmu, fih irridu nemmnu u mieghu irridu ninghaqdu.

Hu ghalhekk opportun, li qabel ma nibdew id-diskors taghna, naghmlu wkoll taghna l-kliem tal-Papa Pawlu VI, kliem li gie mxandar f'diskors li ghamel l-istess Papa fid-29 ta' Novembru 1970, f'Manila fil-Filippini. (Dan id-diskors huwa mehud mit-tieni qari ta' l-ufficcju tal-Qari tat-13-il Hadd matul is-sena, Liturgija tas-Sighat, III, Kummissjoni Liturgika ghall-Provincja Ekklezjastika Maltija, 1993, pp. 374-376).

"Hazin ghalija, jekk ma nxandarx l-Evangelju. Ghalhekk baghatni Kristu. Jiena appostlu, jiena xhud tieghu. Aktar ma hu boghod it-tmiem, aktar ma hu tqil il-mandat, b'aktar qawwa l-imhabba timbuttana. Jehtiegli nxandar isem Gesù : Gesù hu l-Messija, l-Iben ta' Alla l-haj, dak li rrivelalna lil Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-hlejjaq kollha, dak li fih kollox qieghed izomm. Hu l-Imghallem u s-Salvatur tal-bnedmin, ghaliex twieled, miet u rxoxta ghalina lkoll.

Hu c-centru tal-grajja tad-dinja u tal-holqien kollu: hu jafna u jhobbna, hu s-sieheb u l-habib ta' hajjitna, il-bniedem tan-niket u tat-tama, hu dak li ghandu jerga jigi bhala mhallef taghna u nittamaw, il-milja tal-hajja u l-hena taghna ghal dejjem.

Jiena ma nixbax nitkellem fuqu : hu d-dawl taghna, il-verità, anzi t-Triq, il-Verità, il-Hajja; hu l-Hobz u l-ghajn ta' l-ilma haj li jaqta' l-guh u l-ghatx ta' ruhna; hu r-raghaj, il-mexxej, l-ezempju u l-farag taghna; hu huna. Bhalna u aktar minna, kien fqir, imcekken, mghobbi bix-xoghol, mahqur, kollu sabar. Ghalina tkellem, ghamel ghegubijiet, waqqaf saltna gdida fejn il-fqar huma hienja, fejn is-sliem hu l-qofol tal-hajja flimkien, fejn dawk li huma safja f'qalbhom u dawk li jibku huma mfahhrin u mfarrgin u dawk li ghandhom il-guh u l-ghatx tal-gustizzja huma mxebbghin ; fejn il-midinbin isibu l-mahfra u fejn ilkoll kemm ahna nifhmu li ahna ahwa.

Hawn araw, hu Kristu ; intom smajtu fuqu, intom ga tieghu fil-kotra l-kbira taghkom, ghax intom insara. Lilkom l-insara ntenni ismu u nhabbru lil kulhadd : Kristu Gesù hu l-bidu u t-tmiem, l-alfa u l-omega, is-sultan tas-saltna l-gdida ; hu t-tifsir shih u ewlieni, ghalkemm mohbi, tal-grajja kollha

tal-bnedmin u ta' xortihom ; hu il-medjatur u, biex nghid hekk, il-pont bejn l-art u s-sema ; u hu, fuq kollox u aktar minn kulhadd, bin il-bniedem fil-perfezzjoni kollha tieghu, ghaliex hu Iben Alla, bla bidu u bla tmiem, u hu Iben Marija, l-Imbierka fost in-nisa, ommu skond il-gisem u ommna minhabba l-ghaqda taghna fl-Ispirtu s-Santu bhala membri tal-gisem mistiku ta' Kristu.

Gesù Kristu! Ftakru, hu dak li nhabbrulkom ghal dejjem ta' dejjem, ghax irridu li ismu jinstema' sa truf l-art kollha u matul iz-zminijiet kollha".

Fuq ic-centralità tal-figura ta' Kristu jitkellmu u jinsistu l-awturi kollha tal-Gdid Testment. Kull ma ninhtiegu naqsmu flimkien maghkom huma erba' innijiet li jkantaw il-primat u c-centralità ta' Kristu fl-istorja u fil-holqien tad-dinja.

(i) L-innu li nsibu fl-ittra lill-Efesin 1,3-10, ikanta l-fidwa taghna li ssehh fi Kristu. U dan skond il-pjan etern ta' mhabba ta' Alla l-Missier.

*Imbierek Alla u Missier Sidna Gesu Kristu,*
*li mliena b'kull xorta ta barka spiritwali,*
*fis-smewwiet fi Kristu.*
*Hekk hu ghazilna fih,*
*sa minn qabel il-holqien tad-dinja,*
*biex nkunu qaddisa u bla tebgha*
*quddiemu fl-imhabba;*
*iddestinana li nkunu wlied adottivi*
*permezz ta' Gesù Kristu,*
*skond ma ghogob lir-rieda tieghu,*
*li biha mliena fil-ghaziz tieghu,*
*li biha fawwarna fil-gherf u l-ghaqal kollu :*
*hu gharrafna l-misteru tar-rieda tieghu,*
*skond il-pjan li ghogbu jfassal fih minn qabel,*
*u li kellu jsehh meta tasal il-milja taz-zminijiet :*
*jigifieri, li kollox jingabar taht ras wahda,*
*li hu Kristu,*
*kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.*

(ii) L-innu li nsibu fl-ittra lill-Kolossin, 1,12-20 , idahhalna fi spirtu ta' radd il-hajr lill-Missier, li bil-qawwa ta' Gesù halaqna, fdiena u helisna mill-hakma tad-dlam biex jaghtina d-don tas-sliem.

*Roddu hajr lill-Missier,*
*li ghamilkom denji*
*li tissiehbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.*

*Hu helisna mill-hakma tad-dlam,*
*u dahhalna fis-saltna ta' Ibnu l-ghaziz,*
*li bih ghandna l-fidwa,*
*il-mahfra tad-dnubiet.*
*Hu x-xbieha ta'Alla li ma jidhirx,*
*il-kbir fost il-hlejjaq kollha;*
*ghax bih kien mahluq kollox,*
*fis-sema u fl-art,*
*dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx,*
*troni u hakmiet, principati u setghat.*
*Kollox bih u ghalih kien mahluq,*
*hu qabel kollox,*
*u kollox bih qieghed izomm.*
*Hu r-Ras tal-Gisem, li hu l-Knisja;*
*hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet,*
*sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.*
*Fih ghogobha tghammar il-milja kollha tad-divinità,*
*fih Alla ghogbu jerga' jhabbeb kollox mieghu,*
*u bid-demm tieghu, imxerred fuq is-salib,*
*gieb is-sliem permezz tieghu fis-sema u fl-art.*

(iii) Innu sabih iehor li jghanni ic-centralità ta' Kristu insibuh fl-Ittra lill-Filippin 2,6-11. F'dan l-innu tigi pprezentata f'sintesi l-hajja ta' Kristu, li bil-qawwa ta' l-ubbidjenza tieghu lejn il-pjan tal-Missier, isir il-Mulej tal-bniedem u ta' l-istorja.
*Gesù Kristu, li kellu n-natura ta' Alla,*
*ma qaghadx ifittex tieghu li hu daqs Alla,*
*imma tnezza' minn kollox,*
*billi ha n-natura ta' lsir,*
*sar jixbah lill-bniedem*
*u deher minn barra bhala bniedem:*
*cekken lilu nnifsu,*
*billi obda sal-mewt*
*anzi sal-mewt tas-salib.*
*Ghalhekk Alla ghollieh sas-smewwiet*
*u zejjnu bl-Isem li hu fuq kull isem,*
*biex fl-Isem ta' Gesù,*
*fis-sema, fl-art u f'qiegh l-art,*
*il-hlejjaq kollha jinzlu gharkubbtejhom,*
*u kull ilsien jistqarr:*

*Gesu Kristu hu l-Mulej*
*ghall-glorja ta' Alla l-Missier.*

(iv) Anke l-innu li nsibu fil-Ktieb ta' l-Apokalissi 11, 17-18;12,10-12 ikanta mhux biss ic-centralità ta' Kristu, imma wkoll ir-rebha tieghu fuq ix-xitan, dak li xogholu hu li jixli l-bnedmin. Anke llum, bis-sahha tad-demm ta' Krisu, il-Missier hu rebbieh fuq ix-xitan.
*Nizzuk hajr, Mulej, Alla li tista' kollox,*
*li int u li kont,*
*talli hadt il-qawwa kbira tieghek u bdejt issaltan.*
*Il-gnus imtlew bil-korla,*
*imma giet il-korla tieghek*
*u wasal iz-zmien li jsir haqq mill-mejtin,*
*u jinghata l-hlas misthoqq*
*lill-qaddejja tieghek il-profeti,*
*lill-qaddisin u 'l dawk li jibzghu minn ismek,*
*kemm iz-zghar u kemm il-kbar.*
*Issa giet is-salvazzjoni u l-qawwa*
*u s-Saltna ta' Alla taghna*
*u s-setgha tal-Messija tieghu,*
*ghax twaddab 'il barra dak li jixli 'l hutna,*
*li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla taghna,*
*u huma hargu rebbieha fuqu*
*bis-sahha ta' demm il-Haruf*
*u bis-sahha tax-xiehda li taw,*
*u xejn ma ghozzew hajjithom,*
*hekk li hadu sahansitra l-mewt.*
*Ghalhekk ifirhu, smewwiet,*
*u intom li tghammru fihom.*

## (B) <u>Ix-Xitan. Jezisti? Riferenzi fl-Iskrittura.</u>

Hija l-Bibbja, il-Kelma ta' Alla, li turina min hu Alla , min hu Gesù Kristu, u fid-dawl ta' Alla x'inhu s-sens ta' hajjitna u lejn min u xhiex mexjin. Ghalhekk il-Bibbja nqisuha bhala rivelazzjoni. Minnha nafu r-rejaltà fuq Alla, u fuq Alla ta' Gesù Kristu. Xi riferenzi mill-Bibbja juruna wkoll min hu x-xitan, x'inhu xogholu. Ha nippruvaw mela nifhmu ftit il-pagni tal-Bibbja biex ikollna stampa aktar cara f'mohhna. (Dan il-materjal hu trattat tajjeb f'dawn l-artikli li gejjin : SISTI A., *Angeli/demoni,* in *Nuovo*

*Dizionario di Teologia Biblica*, EP 1988, 68-75. Ic-citazzjonijiet biblici gew studjati u interpretati fid-dawl ta' l-artikli ta': SCHLIER H., *daimon, daimonion,* in *Theological Dictionary of the New Testament. II*, Grand Rapids, Michigan, 1987, 71-81; SCHAEFERDIK A; *satanas,* in *Theological Dictionary of the New Testament,* II, Grand Rapids, Michigan, 1987, 151-165 ; ara wkoll : BARBAGLIO G., *Angeli,* in *Schede Bibliche Pastorali*, I, EDB 1982, 148-156; *Demoni,* in *Schede Bibliche Pastorali,* II, EDB 1983, 812-821; GRELOT P., *I miracoli di Gesù e la demonologia giudaica,* in LEON-DUFOUR X., (ed.), *I miracoli di Gesù,* Brescia 1980, 49-59).

a. **Harsa lejn l-Antik Testment.**

(i) L-origini u l-izvilupp tad-demonologija biblika hija x'aktarx kumplessa. U dan nistghu nikkonfermawh meta naghmlu paragun, per ezempju, ma' l-angelologija biblika. Kien aktar facli ghall-bniedem tal-Bibbja jimmagina lil Alla mdawwar bl-angli, bl-ispirti t-tajba fis-servizz tieghu, milli jammetti l-ezistenza ta' spirti moghnija b'qawwiet okkulti u b'qawwa limitata fuq id-dinja u fuq il-bnedmin.

L-ewwel awturi sagri tal-Bibbja, anke qabel l-ezilju tal-poplu fis-sitt seklu qabel Kristu, kienu jevitaw li jsemmu lix-xitan jew lill-ispirti l-hziena. Kienu jippreferu jattribwixxu kollox lil Alla, anke l-isfortuni tal-bniedem bhalma setghet kienet il-pesta (Salm 91,6) jew id-deni (Dewteronomju 32,34) ecc.

Certi affarijiet negattivi huma attribwiti lil Alla permezz tax-xoghol ta' l-anglu (Ezodu 12,23 ; 2 Samwel 24,16 ; 2 Slaten 19,35), jew sahansitra minn spirtu hazin mibghut minn Alla kif naqraw f'1 Samwel 16,14-16.23 :

*L-ispirtu tal-Mulej warrab minn Sawl; u l-Mulej baghat fuqu spirtu hazin biex ihabbtu. U l-qaddejja ta' Sawl qalulu: 'Ara, spirtu hazin minghand Alla qieghed fuqek. Ha jghid kelma Sidna, u ahna l-qaddejja tieghek hawn quddiemek, lesti biex infittxu ragel li jaf idoqq l-arpa, u kull meta jahtfek l-ispirtu hazin ta' Alla, jdoqqlok b'idejh, u int thossok ahjar'....... u kull meta l-ispirtu ta' Alla kien ikun fuq Sawl, David kien jaqbad l-arpa, u jdoqqha b'idu, u Sawl kien jiehu r-ruh u jhossu tajjeb, u l-ispirtu hazin kien iwarrab minnu.*

Minkejja dan li ghidna fuq, fil-Bibbja nsibu hafna dettalji letterarji li jesprimu t-twemmin popolari fl-ezistenza ta' l-ispirti hziena u l-prattika ta' l-okkult u ta' riti magici mahluqa ghall-protezzjoni minn dawn l-istess spirti hziena.

Fost dawn l-ispirti hemm dawk li kienu jissejhu *'elokim*; dawn kienu spirti tal-mejtin li kienu jissejhu permezz tan-nekromanzija, jigifieri t-tentattiv li wiehed johloq komunikazzjoni mal-mejtin. Naqraw f'1 Samwel

28,3-25 : *Samwel kien miet, u kien bkieh Izrael kollu, u difnuh fil-belt tieghu ta' Rama. U Sawl kien kecca l-barra mill-pajjiz lil dawk kollha li kienu jsejjhu l-erwieh u jehbru, u s-sahhara...... U Sawl stharreg lill-Mulej, imma l-Mulej ma wegbux, ...... u Sawl qal lill-qaddejja tieghu: 'Fittxuli mara li tqajjem l-erwieh, u mmur ghanda u nistharrigha'. Il-qaddejja tieghu wegbuh: 'Ara, hemm mara li tqajjem l-erwieh f'Ghajn Dor'...*

Fit- 2 Slaten 21,6 insibu: *U hu - Manassi sultan ta' Guda - ghadda lil ibnu min-nar, taha ghat-tehbir u s-seher, u dahhal it-tehbir bil-mejtin u l-qari tal-gejjieni, u ghamel kemm felah hazin f'ghajnejn il-Mulej.* Fil-fatt skond Izaija 8,9 in-nies kienet taghti parir : *Staqsu l-ispirti u l-bassara, lis-sefsefin u gedwedin. Forsi m'ghandux il-poplu jistaqsi lill-allat tieghu, u ghall-hajjin ma jistharrgux lill-mejtin?*

U dan kollu minkejja l-projbizzjoni tal-Ligi f'Dewteronomju 18,10-12 u Levitiku 19,31; 20, 6-27: *Ma ghandu jkun hemm hadd f'nofskom li jghaddi min-nar lil ibnu jew lil bintu, lanqas min jehber, min jitkixxef il-gejjieni, min jaghmel il-maghmul u s-sharijiet, min isejjah l-erwieh, min jobsor u jistharreg il-mejtin. Ghax mistkerrah quddiem il-Mulej kull min jaghmel dawn il-hwejjeg.*

*La tmurx ghand is-sahhara li jsejhu l-erwieh u la tfittxux min jehber; la ticcapsux bihom. Jiena l-Mulej Alla taghkom. Min imur ghand is-sahhara li jsejjhu l-erwieh u ghand min jehber, biex jizni warajhom, indur ghalih u neqirdu minn fost il-poplu... jekk xi hadd minn fostkom, ragel jew mara, isejjah l-erwieh jew jehber, ghandhom jaghtuhom il-mewt billi jhaggruhom; demmhom fuqhom.*

Hawn ukoll ta' min isemmi is-*sedim*, spirti ta' karattru djaboliku li lilhom xi whud kienu joffru sagrificcji, kif jghanni Mosè f'Dewtweronomju 32,17 : *Issagrifikaw lill-erwieh li mhumiex allat, lill-allat li bihom ma kienux jafu, lill-allat godda li gew dan l-ahhar, li missirijiethom qatt ma kienu jqimu.* Is-Salm 106,37 jistqarr : *Qatlu b'sagrificcji lix-xjaten lil uliedhom subien u bniet.*

It-twemmin popolari kien jitkellem mis-*se'rim*, spirti hziena strambi li kienu jahsbu li jghixu fir-rovini u f'postijiet imbieghda. Levitiku 17,7 jistqarr: *U ma joqtlux aktar il-vittmi u joffruhom lis-satin, li marru u znew maghhom. Din tkun ligi ghal dejjem ghalihom u ghal nisilhom.*

F'dawn il-postijiet imbieghda kienu jghixu zewgt ixjaten li jigu msemmija espressament mis-siltiet biblici antiki : *Lilit* (Izaija 34,14), xitan femminili li kienu jemmnu tghix fi djar abbandunati, u *Azazel,* ix-xitan tad-dezert ; lilu kienu joffru l-moghza espjatorja li fuqha, bit-tqeghid ta' idejh, il-qasis il-kbir kien jimponi d-dnubiet tal-poplu (ara: Levitiku 16).

(ii) Zvilupp : Huwa l-ktieb ta’ Tobit li jesprimi b’mod miftuh it-twemmin ta’ Izrael fix-xjaten. Kif jigu pprezentati l-missjoni benefika u l-gid li jaghmel l-arkanglu Rafel, hekk ukoll l-awtur sagru ta’ dan il-ktieb johrog gad-dawl l-influwenza negattiva ta’ l-ispirtu hazin bl-isem ta’ Asmodew. Dan l-ispirtu hazin huwa l-ghajn ta’ persekuzzjoni vjolenti u kellu l-qawwa joqtol lill-irgiel kollha li xtaqu jizzewgu mal-mara li hu kien qed jippersegwita. Tobija 37,8 u 6,14-15 hekk jistqarr : *Dak in-nhar stess gara li Sara bint Raghwel, li kien joqghod f’Ekbatana tal-Medja, semghet wahda mis-sefturi ta’ missierha tghajjarha li kienu zewguha lil sebat irgiel u Asmodew, l-ispirtu hazin, qatilhom qabel ma lahqu resqu lejha.*

Huwa wkoll interessanti ninnutaw li l-awtur sagru jipprezenta mod effikaci biex dan l-ispirtu hazin jigi ezorcizzat : *U z-zaghzugh staqsa lill-anglu u qallu: ‘Hija Ghazarija, x’inhi din id-duwa li fihom il-qalb, il-fwied u l-marrara tal-huta?’ ‘Il-qalb u l-fwied tal-huta’ wiegbu l-anglu, ‘tahraqhom quddiem xi hadd, ragel jew mara mhabbtin minn xi demonju jew spirtu hazin u jahrab minnu kull maghmul; ma jkun qatt aktar fih ....meta tidhol fil-kamra ta’ l-gharajjes hu mill-fwied u l-qalb tal-huta, u qeghedhom fuq il-gamar tal-bhur idahhan; mbaghad tohrog riha li malli jhossha d-demonju, dan jahrab u ma jidher qatt izjed hdejha’* (Tobit 6,8. 17-18; 2-3).

Il-letteratura Gudajka kollha tkompli tizviluppa d-duttrina fuq id-demonji sal-punt li waslet tipprezentahom bhala univers ghalihom oppost lil Alla u l-angli tieghu. Id-demonji jissejjhu spirti hziena, imposturi, immexxija minn Mastema jew Belial/Beliar. L-origini taghhom tipprova tigi spjegata mill-ghaqda ta’ l-angli ma’ ‘wlied il-bnedmin’ (Genesi 6,2-4), jew minn ribelljoni ta’ angli kontra Alla (Izaija 14,13-14 u Ezekjel 28). Dawn l-ispirti l-hziena huma karatterizzati mill-ghira u mis-senswalità; xogholhom hu li jitturmentaw lill-bnedmin f’gisimhom u fl-ispirtu taghhom, igarrbuhom fil-hazen, b’kapacità li jippossjedu lil gisimhom. Skond il-letteratura gudajka din il-’qawwa’ ta’ l-ispirti hziena tigi meqruda fiz-zminijiet messjanici, meta jigu mixhuta fl-infern.

(iii) Satana u l-angli tieghu. Letteralment it-terminu ebrajk *satan* ifisser *ghadu, dak li jakkuza* (1 Slaten 24,4; 2 Slaten 19,22; Salm 109,6). It-traduzzjoni griega hija *diabolos*.

Fl-ewwel zewg kapitli tal-Ktieb ta’ Gob, il-figura ta’ satana hija dik ta’ wiehed li qieghed fil-qorti tas-sema; xogholu hu li jakkuza, b’tendenza li jipprezenta f’dawl negattiv it-tjubija, il-fedeltà u l-onestà tal-bnedmin. Minghand Alla jircievi l-permess li jgarrab lil Gob. Naqraw fil-ktieb ta’ Gob 1,6-12 u 2,4 : *Gara darba li wlied Alla resqu quddiem il-Mulej, u fosthom gie wkoll ix-xitan. U l-Mulej staqsa lix-xitan: ‘Mnejn inti gej?’ Ix-xitan*

*wiegeb lill-Mulej u qallu: 'Minn dawra mad-dinja, kont nitlajja 'l hawn u 'l hemm.' Il-Mulej rega' staqsa lix-Xitan: 'Il-qaddej tieghu Gob hsibt fih? Ma hawnx iehor bhalu fid-dinja, ragel perfett u tajjeb, jibza' minn Alla u mbieghed mill-hazen.' Ix-xitan wiegeb u qal: 'Tghid ghal xejn Gob jibza' minn Alla? Forsi int ma bnejtx hajt madwaru u madwar daru, u madwar kull ma ghandu kif iddur? Berikt kull ma ghamlu idejh, u gidu kotor ma' l-art kollha kemm hi. Imma midd idek u olqot kull ma ghandu, u tara jishtekx f'wiccek.' U l-Mulej wiegeb lix-xitan: 'Ara, kull ma ghandu f'idejk. Biss terfax idek fuqu.' U x-xitan telaq minn quddiem il-Mulej.*

*Darb'ohra wlied Alla resqu quddiem il-Mulej, u fosthom gie wkoll ix-xitan. U l-Mulej staqsa lix-xitan: 'Mnejn gej?' U x-xitan wiegbu: 'Minn dawra mad-dinja, kont nitlajja 'l hawn u 'l hemm.' Il-Mulej rega' staqsa lix-Xitan: 'Il-qaddej tieghu Gob hsibt fih? Ma hawnx iehor bhalu fid-dinja, ragel perfett u tajjeb, jibza' minn Alla u mbieghed mill-hazen. U ghadu jzomm shih fil-perfezzjoni tieghu, ghad li xewwixtni biex neqirdu gal xejn.' U x-xitan wiegeb lill-Mulej u qallu: 'Gild b'gild, u l-bniedem jaghti kull ma jkollu gal hajtu! Issa midd idek u olqtu f'ghadmu u lahmu, u ara jishtekx f'wiccek'. U l-Mulej wiegeb lix-xitan: 'Ara, nhalli f'idejk. Biss ibza' ghal hajtu'.*

Fil-ktieb ta' Zakkarija 3,1-5, satana huwa pprezentat wkoll bhala ghadu ta' Alla u bhala ghadu tal-pjanijiet mimlija hniena ta' Alla favur il-poplu tieghu. Huwa l-anglu ta' Alla li jordna lil satana, li f'vizjoni jidher bilwieqfa fuq il-lemin tal-qassis il-kbir Gozwè biex jakkuzah, biex jitlaq: *'Jalla l-Mulej irazznek, xitan! Irazznek il-Mulej li hatar lil Gerusalem!'*

Fil-letteratura gudajka, fejn wiehed isib insistenza fuq is-separazzjoni radikali bejn it-tajjeb u l-hazin, ir-rwol tax-xitan jizdied tant li jigi kkunsidrat bhala l-princep ta' dinja li hi kontra Alla. Jigi kkunsidrat bhala imdawwar b'armata ta' spirti, kollha lesti li jittantaw lill-bnedmin ghall-hazen u jigbduhom ghal taht id-dominju taghhom. L-iktar dnubiet gravi tal-Bibbja jigu attribwiti lil satana, principalment l-ewwel dnub, fejn jigi pprezentat bhala serp li jgarrab lil Adam u Eva ( Genesi 3). Dan jigi muri fil-ktieb ta' l-Gherf 2,24 : *Bl-ghira tax-xitan dahlet il-mewt fid-dinja; u jafu xi tfisser dawk li huma tieghu.*

Hu propju ghal dawn ir-ragunijiet li anke fil-Gdid Testment ix-xitan jigi deskritt bhala *il-hazin, l-ghadu, dak li jgarrab* (Apokalissi 12,9), *giddieb, qattiel sa mill-bidu* (Gwanni 8,44), *il-princep ta' din id-dinja* (Gwanni 12,31; 14,30; 16,4;), *alla ta' din id-dinja* (2 Korintin 4,4).

b. **Harsa lejn il-Gdid Testment.**

(i) Ir-Rebha ta Kristu fuq Satana u x-Xjaten. Minkejja li l-Gdid Testment ma jippruvax jaghti dehra sistematika tal-prezenza u l-influwenza negattiva ta' l-ispirti l-hziena skond it-twemmin partikulari ghall-kultura lhudija-ellenistika taz-zmien, il-kuncett fuq il-hazen u l-ezistenza ta' satana hi cara u konsistenti. Dan il-kuncett huwa karatterizzat mill-oppozizzjoni assoluta bejn Alla u satana. Hija oppozizzjoni li tigi espressa bil-miftuh permezz tal-predikazzjoni u x-xandira tas-saltna ta' Alla minn Kristu, xandira li ssir sinjal tar-rebha finali tieghu u l-qerda tas-saltna tad-dlamijiet.

Kristu personalment jaffronta lil satana qabel l-inawgurazzjoni tal-ministeru pubbliku tieghu. Johrog rebbieh bil-qawwa ta' l-ubbidjenza shiha tieghu lejn ir-rieda ta' Alla ghalih. Naqraw fil-fatt f'Luqa 4, 1-13:

*Gesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, rega' lura mill-Gordan u l-Ispirtu hadu fid-dezert. Hemm ghal erbghin jum Gesù kien imgarrab mix-xitan. Matul dawk il-jiem ma kiel xejn; u mbaghad, meta ghaddew dawk il-jiem, hadu l-guh. U x-xitan qallu: 'Jekk inti Bin Alla, ghid lil din il-gebla issir hobz.' Wiegbu Gesù: 'Hemm miktub li l-bniedem mhux bil-hobz biss jghix.' Mbaghad ix-xitan hadu fl-gholi u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f'daqqa. Qallu x-xitan: 'Naghtik is-setgha fuq dawn kollha, bil-glorja kollha taghhom ukoll ghax hija nghatat lili, u jiena naghtiha lil minn irrid. Jekk tinxtehet quddiemi taghtini qima, kollha tieghek tkun.' Gesù wiegbu u qallu: 'Hemm miktub: Lill-Mulej Alla tieghek taghti qima, u lilu biss taqdi.' Imbaghad ix-xitan hadu Gerusalem, qieghdu fuq il-quccata tat-tempju u qallu: 'Jekk inti Bin Alla, inxtehet minn hawn ghal isfel. Ghax hemm miktub li: Lill-angli tieghu jordnalhom biex jiehdu hsiebek sewwa, u li, fuq idejhom jerfghuk, halli ma tahbatx riglek ma' xi gebla.' Wiegeb Gesù u qallu: 'Jinghad: iggarrabx lill-Mulej Alla tieghek.' Imbaghad ix-xitan meta temm dan it-tigrib kollu, telaq minn hdejh sa ma wasal il-waqt* (Ara wkoll : Mark 1,12-13 u Mattew 4,1-11).

Wiehed jista' jistqarr li l-missjoni ta' Kristu dehret wkoll fil-helsien mill-ispirti l-hziena f'dawk li kienu oppressi jew mahkuma minnhom, fi kwalunkwe mod dawn l-ispirti kienu jinfluwenzaw ir-rejaltà umana ta' dawn il-persuni.

Naqraw f'Luqa 4,31-37, il-qawwa ta' Gesu li jehles lil ragel bi spirtu hazin bil-qawwa tal-kelma setghana tieghu: *Nizel Kafarnahum, belt tal-Galilija u f'jum is-sibt qaghad jghallem lin-nies, li baqghu mistghagba bil-mod tat-taghlim tieghu, ghax id-diskors tieghu kien ta' wiehed li ghandu s-setgha. U kien hemm ragel fis-sinagoga li kellu fih spirtu ta xitan imnigges, u qabad jghajjat b'lehen gholi: 'Ah! x'ghandna x'naqsmu, Gesù ta' Nazaret? Gejt biex teqridna? Jiena naf min int; il-Qaddis ta' Alla!' Imma*

*Gesù widdbu bis-shih u qallu: 'Iskot u ohrog minnu!' Imbaghad l-ispirtu xehtu fin-nofs u hareg minnu bla ma ghamillu hsara. U kulhadd stghageb, u bdew jistaqsu wiehed lill-iehor u jghidu : 'Dan xi kliem hu? Ghax hu jordna b'setgha u qawwa lill-ispirti mniggsa u huma johorgu!' U l-fama tieghu xterdet ma' kullimkien f'dawk l-inhawi kollha.*

U f'Luqa 4,40-41 naqraw ukoll : *Hija u niezla ix-xemx, dawk kollha li kellhom il-morda, kien x'kien il-mard taghhom, haduhomlu quddiemu. Hu qieghed idu fuq kull wiehed minnhom u fejjaqhom. Minn hafna nies bdew johorgu wkoll ix-xjaten jghajtu u jghidu: 'Inti Bin Alla!' Izda hu kien jheddidhom u ma hallihomx jitkellmu, ghax huma kienu jafu li hu l-Messija.*

Fil-fatt, minbarra l-fejqan mill-mard fiziku, li ma jigix attribwit lil xi forza preter-naturali, il-Vangeli jipprezentaw lil Kristu jfejjaq il-mard attribwit lil xi influwenza hazina jew negattiva, kif ukoll ezorcizmi veri u proprji fuq persuni li kienu oppressi jew mahkuma minn xitan jew spirtu hazin jew spirti hziena.

Forsi l-aktar ezempju car ta' ezorcizmu veru u proprju barra l-intenzjonijiet apologetici ta' l-evangelisti, insibuh fl-istorja ta' l-imxajtan ta' Gerasa f'Mark 5,1-20 (ara wkoll Luqa 8,26-39 u Mattew 8,28-34) :

*Waslu x-xatt l-iehor tal-bahar u gew fil-pajjiz tal-Gerasin. Kif nizel mid-dghajsa, resaq fuqu wiehed, li hareg mill-oqbra, li kien mahkum minn spirtu hazin. Dan kien jghammar fl-oqbra, u hadd ma kien jista jzommu marbut, anqas b'katina, ghax bosta drabi lahqu rabtuh bix-xkiel u bil-ktajjen u hu kien jaqsam il-ktajjen u jkisser ix-xkiel, u hadd ma kellu l-hila jzommu. Lejl u nhar kien il-hin kollu joqghod qalb l-oqbra jew fuq il-muntanji, jixher u jqatta' gismu biz-zrar. Kif lemah lil Gesù mill-boghod gera lejh, inxtehet fl-art quddiemu, u ghajjat b'lehen qawwi u qallu : 'Ahna x'ghandna x'naqsmu, Gesu, Bin Alla l-Gholi? Ahlifli fuq Alla li ma tahqarnix!' Ghax kien qallu : 'Ohrog ja spirtu hazin minn dan il-bniedem!' Mbaghad staqsieh: 'X'jismek?' 'Legjun jisimni,' wiegbu 'ghax ahna hafna.' U beda jitolbu bil-herqa biex ma jkeccihomx barra mill-pajjiz. Kien hemm merhla kbira ta qzieqez tirgha mal-genb ta' l-gholja, u l-ispirti talbuh hafna u qalulu: 'Ibghatna lejn il-qzieqez ha nidhlu fihom.' U hallihom imorru. L-ispirti hziena hargu, u dahlu fil-qzieqez; u l-merhla li kienet ta' madwar elfejn ras, inxtehtet ghal gol-bahar mill-gholi tax-xaqliba u gherqet fil-bahar. Ir-rghajja taghhom harbu u marru jxerrdu l-ahbar mal-belt u l-irziezet, u n-nies giet tara x'gara. Gew hdejn Gesù, u lil dak li qabel kien mahkum mix-xitan u li kellu legjun go fih rawh bilqeghda u mohhu f'siktu, u baqghu miblughin bil-biza'. In-nies li raw il-grajja qalulhom x'kien ghadda minn ghala l-imxajtan u l-qzieqez. Mbaghad bdew jitolbuh hafna lil Gesù biex iwarrab minn pajjizhom. Kif kien tiela' fuq id-dghajsa, dak li qabel kien*

*mahkum mix-xitan beda jitolbu hafna biex ihallih jibqa' mieghu. Izda hu ma halliehx, u qallu: 'Mur ingabar id-dar ma' niesek u ghidilhom kull ma ghamel mieghek il-Mulej, u kif henn ghalik.'  Dak telaq u beda jxandar fid-Dekapoli kemm kien ghamel mieghu Gesù. U kullhadd stghageb.*

Anke jekk it-twemmin popolari kien jorbot il-mard mal-qawwa tal-hazen, nistghu nghidu minghajr dubju ta' xejn li l-evangelisti uzaw il-kategoriji kulturali ta' zmienhom biex jesprimu l-evidenza tal-fatti. Il-fatt hu li Gesù kellu qawwa mirakuluza u kien superjuri u kellu l-awtorità fuq kwalunkwe tip ta' influwenza djabolika, anke dik l-aktar gravi, bhalma kienet dik  ta' l-imxajtan ta' Gerasa. Jekk id-duttrina fuq satana u l-ispirti l-hziena kienet sekondarja jew anke sahansitra irrilevanti, jew sahansitra kontra s-supremazija ta' Alla fil-hajja tal-bnedmin, Kristu kien certament jehodha kontra dan it-twemmin, bhalma hadha kontra l-idea tal-messjanizmu politiku, id-divorzju ecc.

Mill-parti tieghu Gesu ma jorbotx il-mard fiziku max-xitan permezz tad-dnub ; jeskludi dan il-kuncett kif insibu f'Gwanni 9,1-3 :  *Kif kien ghaddej, lemah ragel ghama minn twelidu, u d-dixxipli staqsewh: 'Rabbi dan twieled aghma ghax dineb hu stess, jew ghax dinbu l-genituri tieghu?' Gesù wiegeb: 'Mhux ghax dineb hu jew il-genituri tieghu, imma gralu hekk biex l-ghamil ta' Alla jidher fih'.*

Gesù jghallem li l-qawwa tal-fejqan tieghu kien sinjal tal-qawwa tieghu li jahfer id-dnubiet, kif insibu miktub f'Mark 2,5-11:

*Meta ra l-fidi taghhom (tan-nies li kienu nizzlu miflug mis-saqaf ghal quddiemu), Gesù qal lill-miflug: 'Ibni dnubietek mahfura.'  Mela kien hemm bilqieghda xi whud  mill-kittieba u f'qalbhom bdew jghidu: 'Dan kif qieghed jitkellem hekk? Dan qieghed jidghi! Min jista' jahfirhom id-dnubiet hlief Alla biss?' Malli Gesù ntebah fih innifsu x'kienu qeghdin jghidu bejnhom u bejn ruhhom qalilhom: 'Ghaliex qeghdin tahsbu hekk f'qalbkom? X'inhu l-ehfef, tghid lil miflug, Dnubietek mahfura, jew tghidlu Qum u aqbad friexek u imxi? Mela, biex tkunu tafu li Bin il-bniedem ghandu s-setgha jahfer id-dnubiet fuq l-art,' qal lill-miflug, 'Qum qieghed inghidlek, aqbad friexek u mur lejn darek.' Dak qam, qabad malajr friexu, u hareg 'il barra quddiem kulhadd. U kulhadd stghageb, u bdew ifahhru lil Alla u jghidu: 'Hwejjeg bhal dawn qatt ma rajniehom!'*

Meta mbaghad Gesù jigi akkuzat li kien qed jinqeda b'riti magici u li kien qed ikecci x-xjaten f'isem Beghelzebul, huwa jistqarr li l-qawwa tieghu gejja mill-Ispirtu ta' Alla, bhala sinjal tal-wasla tas-saltna ta' Alla. Gesu juri dan bic-car f'Luqa 11,14-20:  *Gesù kien qieghed ikecci xitan li kien imbikkem. Meta x-xitan hareg, l-imbikkem tkellem u n-nies stghagbu. Izda xi whud minnhom qalu: 'Bis-sahha ta' Beghelzebul, il-princep tax-xjaten,*

*qieghed ikeccihom ix-xjaten.'* *Ohrajn biex igarrbuh, riedu minn ghandu sinjal mis-sema. Izda hu ntebah x'kienet il-fehma taghhom, u qalilhom: 'Kull saltna maqsuma fiha nfisha ssir herba, u taqa' dar fuq ohra. Jekk ix-xitan ukoll hu kontra tieghu nnifsu, kif se zzomm wieqfa s-saltna tieghu? Ghax intom tghidu li jien bis-sahha ta' Beghelzebul inkeccihom ix-xjaten. Imma jekk jiena qieghed inkecci x-xjaten bis-sahha ta' Beghelzebul, uliedkom bis-sahha ta' min se jkeccuhom? Ghalhekk huma stess ikunu l-imhallfin taghkom. Izda jekk jiena qieghed inkecci x-xjaten bis-saba' ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-saltna ta' Alla.*

F'dan id-dawl nistghu nistqarru li l-battalja ta' Kristu fuq ix-xitan mhijiex rapprezentazzjoni simbolika tar-rebha tieghu fuq id-dnub u l-hazen, jew fuq xi haga li hija astratta jew biss prodott u frott il-mohh tal-bniedem; hija battalja kontra spirti superjuri ghall-bnedmin.

Luqa 10,17-18 jirrakonta: *It-tnejn u sebghin regghu lura ferhana jghidu: 'Mulej, ix-xjaten ukoll joqghodu ghalina, minhabba f'ismek!' U hu qalilhom: 'Iva, jiena kont narah lix-xitan jaqa' bhal berqa mis-sema. Araw, tajtkom is-setgha li tirfsu fuq sriep u skorpjuni u li teghelbu kull qawwa ta' l-ghadu u ebda hsara ma jaghmlulkom. Madankollu mhux b'dan ifirhu li l-ispirti joqghod ghalikom, imma ifirhu ghax ghandkom isimkom miktub fis-smewwiet.'*

Bil-qawwa ta' l-isem ta' Gesu, 'ix-xitan jaqa' bhal berqa mis-sema.' Kristu huwa rebbieh fuq ix-xitan. U dan bil-qawwa tar-rebha finali li sehhet fl-ubbidjenza ta' Kristu fil-passjoni, il-mewt u l-qawmien tieghu.

(ii) Il-Knisja kontra Satana. Il- Knisja tkompli l-missjoni ta' Kristu fid-dinja, kontra l-hazen, kontra satana u l-angli tieghu. U dan bil-qawwa ta' l-awtorità moghtija lilha minn Kristu nnifsu : *U sejjah it-Tnax, u beda jibghathom tnejn tnejn, filwaqt li tahom is-setgha fuq l-ispirti l-hziena* (Mark 6,7). *Sejjah lit-tnax madwaru u tahom il-qawwa u setgha fuq ix-xjaten kollha li jfejjqu l-mard* (Luqa 9,1).

Gesù jorbot din is-setgha mal-missjoni tal-Knisja li thabbar il-Bxara t-tajba, kif naqraw f'Mark 16,15-18: *U qalilhom: 'Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evangelju lill-holqien kollu. Min jemmen u jitghammed isalva; izda min ma jemminx, ikun ikkundannat. U dawn huma s-sinjali li jsiehbu lil dawk li jemmnu; f'ismi jkeccu x-xjaten, jitkellmu b'ilsna godda, u jekk jixorbu xi xorb li jgib il-mewt ma jaghmlilhomx hsara; iqieghdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu.*

Jidher mill-Vangeli li din l-awtorità ntuzat bis-shih mill-appostli u d-dixxipli ta' Gesù. U dan bis-sahha tal-fidi fl-Isem ta' Gesu u fit-talb. Luqa 9,37-43 jirrakkonta: *L-ghada huma u nizlin minn fuq il-muntanja, marru*

*jilqghuh hafna nies. U wiehed ragel mill-folla refa' lehnu u qallu: 'Mghallem nitolbok, hares harsa lejn ibni, ghax lilu biss ghandi. Ara l-ispirtu jaqbdu u minnufih jibda jghajjat, ikaghawgu ma' l-art kollu raghwa, u jhallih imfarrak wara tbatija kbira biex johrog minnu. Tlabt lid-dixxipli tieghek biex ikeccuh minnu izda ma setghux'. Wiegeb Gesù u qal: 'Ja nies bla fidi u hziena, kemm se ndum nissaportikom? Gibli lil ibnek hawn.' Huwa u riesaq, ix-xitan beda jsabbtu u jkaghwgu ma' l-art. Imma Gesu hedded hafna lill-ispirtu mnigges, fejjaq lit-tifel, u rega' tah lil missieru. U kulhadd tnixxef bil-ghageb quddiem dan il-kobor liema bhalu ta' Alla.*

Il-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli jurina bic-car kif l-appostli u l-kolloboraturi taghhom hargu jxandru l-Bxara t-tajba ta' Gesù Kristu. Il-predikazzjoni tal-Vangelu bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu, turi li tinkludi fiha l-glieda kontra l-influwenza negattiva tax-xitan u l-ispirti l-hziena, li tidher f'oppressjoni djabolika - il-hazen li jidher f'dawk li riedu jimmanipulaw l-isem ta' Gesu, kif ukoll il-hazen li jidher fil-magija u fis-superstizzjoni. Naraw ftit siltiet fl-Atti ta' l-Appostli.

F'Atti 8,5-8 naqraw: *Filippu nizel f'belt tas-Samarija u xandar lil Kristu lin-nies taghha. Il-folol tan-nies b'fehma wahda kienu joqghodu attenti ghal dak li kien jghidilhom Filippu, meta kienu jisimghuh u jaraw il-mirakli li kien jaghmel. Kien hemm nies mahkuma mill-ispirti hziena, u dawn b'ghajat kbir kienu johorgu minn hafna minnhom; u hafna nies ohrajn, mifluga jew zopop, kienu jitfejjqu. U kien hemm ferh kbir f'dik il-belt.*

F'Atti 19,11-20 naqraw: *U Alla kien jaghmel mirakli mhux zghar permezz ta' Pawlu; hekk li meta kienu jiehdu mkatar jew fradal li jkunu messew mieghu u jqeghduhom fuq il-morda dawn kienu jfiqu mill-mard taghhom u l-ispirti hziena kienu johorgu minnhom. Kien hemm xi whud mill-ezorcisti Lhud iduru ma' dawk l-inhawi, u bdew isejhu l-Isem tal-Mulej Gesù fuq dawk li kellhom l-ispirti l-hziena u jghidulhom: 'Niskungrak b'dak Gesù li jxandar Pawlu. Kien hemm seba' wlied ta' wiehed jismu Xeva, qassis kbir Lhudi, li kienu jaghmlu dan. Imma l-ispirtu hazin wegibhom: 'Lil Gesù nafu, u lil Pawlu nafu wkoll, imma intom min intom?' Mbaghad ir-ragel li kellu l-ispirtu hazin hebb ghalihom, ghelibhom ilkoll u qabadhom b'sahhtu kollha, hekk li harbu minn dik id-dar imnezzghin u kollhom migruha. Dan saru jafu bih il-Lhud u l-Griegi kollha li kienu joqghodu Efesu, u waqa' biza' fuqhom ilkoll, u isem il-Mulej Gesù kien igglorifikat bil-bosta. Hafna minn dawk li emmnu bdew jersqu biex jistqarru u jxandru ghemilhom. U bosta minn dawk li qabel kienu jaghmlu sharijiet giebu l-kotba taghhom u harquhom quddiem kulhadd. Meta ghamlu l-istima*

*taghhom, sabu li kienu jiswew hamsin elf bicca tal-fidda. Hekk il-kelma tal-Mulej baqghet tikber u tissahhah bil-qawwa kollha.*

Atti 13,4-12 jirrakkonta kif Barjesu, sahhar u profeta falz, ried ifixkel lil Pawlu huwa u jxandar il-Vangelu lill-prokonslu Sergju Pawlus f'Cipru: *Iltaqghu ma' wiehed lhudi, jismu Barjesu, sahhar u profeta falz....Izda Elimas is-sahhar ghax hekk kien ifisser ismu - waqfilhom u beda li jbieghed il-prokonslu mill-fidi..... Pawlu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, wahhal ghajnejh fih u qallu: 'Ja bniedem mimli b'kull qerq u hazen, bin ix-xitan u ghadu ta' kull ma hu sewwa, qatt m'int se tieqaf tghawweg it-triqat dritti tal-Mulej? Imma, issa, ara id il-Mulej se tilhqek: int taghma, u ghal xi zmien ma tarax id-dawl tax-xemx'. Minnufih waqa' fuqu cpar u dlam, u beda jdur u jfittex lil min imexxih minn idejh.*

Atti 16,16-19 jirrakkonta: *Darba wahda ahna u sejrin lejn il-post tat-talb, iltaqghet maghna tfajla lsira, li kellha l-ispirtu biex taqra x-xorti u kienet iggib hafna flus lis-sidien taghha bit-tehbir li kienet taghmel. Din baqghet miexja wara Pawlu u warajna tghajjat u tghid: 'Dawn l-irgiel huma qaddejja ta' Alla l-gholi, li jxandrulkom it-triq tas-salvazzjoni.' U damet hafna granet taghmel hekk. Fl-ahhar Pawlu ddejjaq, dar lejn l-ispirtu u qallu: F'isem Gesù Kristu jiena nghidlek: ohrog minnha!' U l-ispirtu hareg minnha minnufih. X'hin is-sidien taghha raw li taritilhom it-tama tal-qligh, qabdu l-Pawlu u 'l Sila u kaxkruhom lejn il-pjazza ghal quddiem il-kapijiet.*

Il-Gdid Testment jistqarr li, minkejja t-telfa ta' Satana hu jibqa jahdem fost il-bnedmin: johloq in-nuqqas ta' ghaqda u jittrazmetti duttrini foloz (ara Galatin 4, 8-9; 1 Timotju 2,11; 5, 15; 2 Korintin 4,4). 1 Pietru 5,8-9 hekk jiddeskrivi l-hidma tieghu: *Kunu meqjusa u ishru. L-ghadu taghkom ix-xitan qisu ljun jghajjat, idur u jfittex lil min jibla'. Iqfulu, shah fil-fidi.*

Hu ghalhekk li l-awturi sagri tal-Gdid Testment iheggu lil dawk li jemmnu biex jirbhu lill-hazen u lill-Hazin (ara: Rumani 16,20; 1 Korintin 7,5; 2 Korintin 2,11 ). Fl-Ittra lill-Efesin 6,10-18, San Pawl juri li din il-ghaqda tintrebah meta in-nisrani jintrabat ma' Kristu permezz ta-talb, tal-verità tal-fidi, u permezz tar-rabta shiha mal-Kelma ta' Alla: *Mill-bqija twettqu fil-Mulej u ssahhu bil-qawwa tieghu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilhu tieqfu ghat-tnassis tax-xitan. Ghax il-glieda taghna mhijiex kontra d-demm u l-laham, imma kontra s-setghat, kontra l-qawwiet, kontra l-Princpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti l-hziena li jghammru fil-wisa' tas-smewwiet. Ghalhekk hudu fuqkom l-armatura ta' Alla, halli tkunu tistghu tieqfu fi zmien il-hazen, u, wara li tkunu ghamiltu hilitkom, zzommu weqfin. Zommu shih mela, hazzmu genbejkom bil-verità', ilbsu l-kurazza tal-gustizzja, u xiddu riglejkom bil-hegga ta' l-Evangelju tas-*

*sliem; hudu f'idejkom it-tarka tal-fidi; li biha tistghu titfu l-vlegeg kollha tan-nar tal-hazin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla ta' l-ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull htiega, ishru fih bla ma tieqfu u itolbu ghall-htigijiet ta' l-ahwa kollha.*

Il-Hazin jista' jgarrab il-bnedmin biss ghaliex Alla jippermettieh (Apokalissi 13, 7), imma biss ghal ftit zmien (Apokalissi 12,12) sabiex kull min jemmen johrog rebbieh fi Kristu (Gakbu 1,12 ; Apokalissi 2,26 ; 3,12-21 ; 21,7) . Ir-rebha finali u totali ta' Kristu fuq ix-xitan hi certa (Rumani 16,20 ; 2 Tessalonkin 2,8 ; Apokaliisi 20,10) .

Bhala konkluzjoni nistghu nigbru flimkien l-idejat mibnija fuq ir-rivelazzjoni tal-Bibbja : Gesù ma jichadx l-idejat fuq Satana u l-ispirti l-hziena; jifhem il-missjoni tieghu bhala missjoni li fiha wkoll il-qerda tax-xitan kif insibu f'Gwann 3,8 u Atti 10,38 . Il-Hazin huwa kkunsidrat bhala dak li ghandu l-qawwa jidhol fil-bniedem bhal fil-kaz ta' Guda, kif insibu f'Gwann 13,27 ; jista' juri lilu nnifsu f'azzjonijiet straordinarji bhal fil-kaz ta' Xmun is-sahhar f'Atti 8,9 .

Ix-Xitan huwa kontra l-pjanijiet ta' Alla (jisraq iz-zerriegha tal-kelma ta' Alla mill-qlub, bhal fil-parabbola ta' Mattew 13,19 ; 13,39), u jahdem biex jigbed il-bnedmin taht is-setgha tieghu (Gwann 6,70 ; 8,44 ; Luqa 22,31 ; Atti 5,3 ).

Mela skond il-Bibbja, ix-Xitan jezisti : huwa rejali, konkret, entità attiva u mhux kuncett astratt jew simbolu tal-hazen. Il-Hazin huwa hlejqa ta' Alla u sottomess lill-pjan tieghu. Satana huwa hlejqa distinta mid-dnub kif insibu f'1 Gwann 3,8: *Izda min jaghmel id-dnub gej mix-Xitan, ghax ix-xitan dineb sa mill-bidu. Kien ghalhekk li deher l-Iben ta' Alla biex ihott kull ma ghamel ix-Xitan*.

Ix-Xitan jista' jinfluwenza lill-bnedmin biss kif jippermetti Alla u b'kunsens hieles, ghax il-bniedem ghandu l-fakultà tar-rieda hielsa. F'dan id-dawl biss jista' Gesù Kristu jigi milqugh bhala Feddej. Bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu min jemmen huwa rebbieh fuq Satana!

**<u>Siltiet tal-Vangelu : Gesù rebbieh fuq Satana.</u>**
**It-tigrib ta' Gesù fid-dezert:**
**Mark 1,12-13; Mattew 4,1-11; Luqa 4,1-13.**
**Gesù jfejjaq ragel li kellu spirtu hazin:**
**Mark 1,21-28; Luqa 4,31-37.**
**Gesù jfejjaq hafna nies:**
**Mark 1,29-34; Mattew 8,14-15; Luqa 4,38-39.**
**Gesù jaghzel tnax u jaghtihom setgha li jkeccu x-xjaten:**

**Mark 3,13-19; Mattew 10,1-4; Luqa 6,12-16.**
**Gesù u Beghelzebul:**
**Mark 3,20-30; Mattew 12,22-32; Luqa 11,14-23; 12,10.**
**Gesù jfejjaq l-imxajtan ta' Gerasa:**
**Mark 5,1-20; Mattew 8,28-34; Luqa 8,26-39.**
**Il-missjoni tat-tnax:**
**Mark 6,6-12; Mattew 10,1-14; Luqa 9,1-6.**
**Gesù jfejjaq il-morda f'Gennesaret:**
**Mark 6,53-56; Mattew 14,34-36.**
**Gesù jfejjaq tifel u jehilsu mix-xitan:**
**Mark 9,14-29; Mattew 17,14-21; Luqa 9,37-42.**
**F'isem Gesù d-dixxipli jirbhu lill-ispirti l-hziena:**
**Luqa 10,17-20**
**L-ispirtu mnigges ihabbat lill-bniedem:**
**Luqa 11,24-26; Mattew 12,43-45**
**Gesù jfejjaq wiehed imbikkem:**
**Mattew 9,32-34.**
**Gesù jaghti l-missjoni lill-Appostli:**
**Mark 16,14-18; Mattew 28,16-20; Luqa 24,36-49; Gwann 20,19-23; Atti 1,6-8.**

**<u>Il-hidma ta' l-Appostli</u>**
**Sinjali u mirakli: Atti 5,12-16.**
**Ulied Xeva: Atti 19,11-20.**
**Elima s-sahhar: Atti 13,4-12.**
**Pawlu f'Filippi: Atti 16,16-19.**

(iii) Riflessjoni zaghzugha fuq il-Vangeli

(1) <u>It-Tigrib ta' Gesù fid-Dezert: Mattew 4,1-11.</u>

*Imbaghad l-Ispirtu ha lil Gesù fid-dezert biex ix-Xitan igarrbu. U Gesù baqa' sajjem ghal erbghin jum u erbghin lejl, u fl-ahhar hadu l-guh. U resaq it-tentatur u qallu: 'Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-gebel isir hobz.' Izda Gesù wiegbu: 'Hemm miktub, Il-bniedem mhux bil-hobz biss jghix imma b'kull kelma li tohrog minn fomm Alla.' Imbaghad ix-Xitan hadu fil-Belt imqaddsa, qieghdu fuq il-quccata tat-tempju, u qallu: 'Jekk inti Bin Alla, inxtehet ghal isfel; ghax hemm miktub li, 'L-angli tieghu jordnalhom jiehdu hsiebek', u li 'Fuq idejhom jerfghuk, halli ma tahbatx riglek ma xi gebla.' Qallu Gesù: 'Hemm miktub ukoll: La ggarrabx lill-Mulej, Alla tieghek'. Ghal darba ohra x-Xitan hadu mieghu fuq muntanja gholja hafna,*

*urieh is-saltniet kollha tad-dinja bil-glorja kollha taghhom, u qallu: 'Dawn kollha naghtihom lilek jekk tinxtehet tadurani.' Imbaghad qallu Gesù: 'Itlaq,Xitan! Ghax hemm miktub:'Lill-Mulej, Alla tieghek, ghandek tadura, u lilu biss taqdi'. Imbaghad ix-Xitan hallieh. U ara gew xi angli jaqduh.*

Permezz ta' din is-silta nistghu nifhmu b'mod car  li Gesù gie fid-dinja sabiex jirbah lix-xitan u lill-Hazen tieghu. Allura nistghu nghidu li gie fid-dinja sabiex jehlisna mill-jasar. Fil-fatt din l-istorja nistgu inqabbluha ma' l-istorja ta' Izrael fid-dezert.

Gesù hu Izrael gdid. Dawn it-tnejn dahlu fid-dezert wara li ghaddew mill-ilma tal-maghmudija. L-erbghin jum li Gesù ghadda fid-dezert jirraprezentaw l-erbghin sena li ghadda l-poplu ta' Izrael fid-dezert. Kemm Gesù, kif ukoll il-poplu ta' Izrael, gew mgarrba fid-dezert bi tlett tentazzjonijiet : meta naqashom l-ikel, li jgarrbu lill-Mulej u li jibdlu 'l Alla ma' hlejqa jew xi haga. Id-differenza bejn Gesù u l-poplu ta' Izrael hi li Gesù hareg rebbieh fuq ix-xitan, filwaqt li Izrael waqa' ghal dawn it-tentazzjonijiet. It-twegibiet ta' Gesù lix-xitan gew mehuda mill-Ktieb tad-Dewteronomju (8,3; 6,16; 6,13). Allura nistghu nghidu li Gesù wkoll kien jitlob permezz tal-Bibbja u din ghandha taghmlilna kuragg.  Mela l-missjoni ta' Gesù kienet dik li jkisser il-hidma tax-xitan: li jqanqal il-helsien, ghax id-dnub kien qanqal biss jasar.

Hawnhekk naraw ukoll li Gesù kien bniedem bhalna li seta' jigi ittentat, izda ma jistax jaqa' fid-dnub, ghax mhuwiex taht is-setgha tad-dnub.

Nafu li sakemm ghadna fid-dezert ta' din l-art  se nibqghu imgarrba mill-forzi tal-hazen biex ma naghmlux ir-rieda ta' Alla ghalina. Izda dan ir-rakkont ghandu jaghmlilna kuragg ghax nafu wkoll li jekk inkunu marbutin f'ghaqda ma' Gesù Kristu nigu armati bizzejjed b'qawwa biex nilqghu l-pjan ta' Alla u nirbhu fuq it-tigrib tal-Hazin. Lanqas mumenti ta' dghjufija li fihom naqghu ghat-tentazjoni ma ghandhom jaqtghulna qalbna ghax Gesù hallielna s-sagrament tar-rikonciljazzjoni sabiex jerga' jgedded fil-hajja taghna l-helsien permezz tal-konfessur.

*Missier qaddis, filwaqt li nirringrazzjak tad-don ta' Ibnek Gesù fil-hajja taghna nitolbuk sabiex taghtina l-qawwa halli nkunu kapaci nibdlu mumenti ta' tentazzjoni u dghufija f'mumenti ta' qawwa u tifhir lilek.*

(2) <u>Gesù jfejjaq ragel li kellu spirtu hazin : Luqa 4,31-37.</u>

*Nizel Kafarnahum, belt tal-Galilija, u f'jum is-sibt qaghad ighallem lin-nies, li baqghu mistaghgba bil-mod tat-taghlim tieghu, ghax id-dikors tieghu kien ta' wiehed li ghandu s-setgha.*

*U kien hemm ragel fis-sinagoga li kellu fih spirtu hazin, u qabad ighajjat b'lehen gholi: 'Ah! x'ghandna x'naqsmu, Gesù ta' Nazaret? Gejt*

*biex teqridna? Jiena naf min int: Il-Qaddis ta' Alla!'  Imma Gesù widdbu bis-shih u qallu: 'Iskot u ohrog minnu!' Imbaghad l-ispirtu xehtu fin-nofs u hareg minnu bla ma ghamillu hsara. U kulhadd stghageb u bdew jistaqsu wiehed lill-iehor u jghidu: 'Dan xi kliem hu? Ghax hu jordna b'setgha u qawwa lill-ispirti hziena, u huma johorgu!' U l-fama tieghu xterdet ma' kullimkien f'dawk l-inhawi kollha.*

Dan hu l-bidu proprju tal-ministeru ta' Gesù fil-Galilija; Luqa beda b'din l-istorja ta' l-ezorcizmu biex biha juri mill-ewwel il-qofol tal-missjoni ta' Gesù. Kafarnahum kienet belt importanti hafna ghall-kummerc u centru ghall-kultura. Fil-fatt Mattew sejhilha l-belt ta' Gesù (9,1), ghax Gesù ghazilha bhala l-post centrali tal-hidma tieghu fil-Galilija.  Interessanti ninnutaw li Gesù kien imhejji sew ghal din il-missjoni tieghu; fil-fatt kien jitkellem b'awtorità u  b'wiccu minn quddiem u kien jaghmel kollox bis-setgha. L-ispirtu hazin gharaf mhux biss lil Gesù izda wkoll il-missjoni tieghu, tant li sejjahlu b'titlu messjaniku, 'il-Qaddis ta' Alla'. Gesù widdbu bis-shih u mhux biss ordnalu, izda kkmandah, bikkmu, u gieghlu johrog. Din il-grajja tipprezentalna t-taqbida bejn it-tajjeb u l-hazin. L-ispirtu hazin jitwerwer kif jiltaqa' mad-divin, tant li b'disperazzjoni jghajjat: *Ahna x'ghandna x'naqsmu Gesù ta' Nazaret? Gejt biex teqridna? Jiena naf min int: il-Qaddis ta' Alla!*

Forsi anki ahna nistghu naghtu gudizzju fuq din is-silta u naraw ftit f'liema disperazzjoni jista' jwaqqana fiha l-Hazin.

Hija anke sabiha din ix-xena evangelika meta niggustaw ftit il-qawwa u l-awtorità tal-Mulej Gesù.  Kelma wahda kienet bizzejjed biex ibikkem l-ispirtu hazin li ma jiflahx ghall-prezenza ta' Gesù.  Gesù gie verament biex jeqred l-opra tax-xitan u jaghti helsien shih lill-bniedem.

*Mulej Gesù l-ispirtu gharfek.  Lilna aghtina l-grazzja li mhux biss nagharfuk bhala setghani u qawwi, izda li naghmlu esperjenza kontinwa tal-helsien li inti kapaci tqanqal, mhux biss fil-qlub taghna izda wkoll fl-istorja ta' hajjitna.*

(3)  <u>Gesù jfejjaq l-imxajtan ta' Gerasa: Luqa 8,26-39.</u>

*Waslu x-xatt u nizlu fl-art tal-Gerasin, li tigi biswit il-Galilija. Huwa u niezel l-art, resaq ragel minn dik il-belt, mahkum mix-xitan. Kien ilu zmien twil ma jxidd libsa fuqu, u ma kienx joqghod id-dar imma qalb l-oqbra. Kif lemah lil Gesù qabad ighajjat, inxtehet quddiemu u b'lehen qawwi qallu: 'Ahna x'ghandna x'naqsmu, Gesù Bin Alla l-Gholi? Nitolbok, tahraqnix! Ghax Gesù kien ga kkmanda lill-ispirtu hazin biex johrog minn dak il-bniedem. Ghax bosta drabi kien jahkmu, u n-nies kienu jorbtuh bil-ktajjen u bix-xkiel biex izommuh, izda hu kien iqaccat l-irbit u x-xitan kien jimbuttah*

*lejn id-dezert. Gesù staqsieh: 'X'jismek?' 'Legjun,' qallu, ghax hafna xjaten kienu dahlu fih. U beda jitolbu biex ma jordnalhomx imorru fl-abissi.*

*Mela kien hemm merhla kbira ta' qzieqez jirghu fuq il-gholja, u l-ispirti talbuh biex ihallihom jidhlu fihom; u hu halliehom. U x-xjaten hargu minn dak il-bniedem u dahlu fil-qzieqez. U l-merhla nxtehtet ghal go l-ghadira mill-gholi tax-xaqliba u gherqet. Ir-rghajja, meta raw x'gara marru hdejn Gesù, u lil dak ir-ragel li minnu kienu hargu x-xjaten sabuh biqieghda f'riglejn Gesù, liebes u mohhu f'sikktu; u qabadhom il-biza'. In-nies li raw x'gara qalulhom kif Gesù fejjaq lil dak li kien mahkum mix-xitan. Imbaghad in-nies kollha ta' l-inhawi ta' Gerasa bdew jitolbu lil Gesù biex iwarrab minn hdejhom, ghax biza' kbir kien waqa' fuqhom, u hu tela' fuq id-dghajsa u rega' lura. Ir-ragel li minnu kienu hargu x-xjaten talbu biex jibqa' mieghu izda hu baghtu u qallu: 'Erga' lura lejn id-dar u gharraf kull ma ghamel Alla mieghek.' Dak telaq u xandar mal-belt kollha kull ma kien ghamel mieghu Gesù.*

F'din l-istorja Luqa flimkien ma' San Mattew u San Mark fehmu juru s-setgha kbira ta' Gesù fuq ix-xitan. Is-sinjali tar-ragel mahkum mix-xitan juruh bhal wiehed li kien mignun, mitluf minn sensih u minn mohhu. Fil-fatt dawn ma huma xejn hlief sintomi li iggib maghha prezenza negattiva jew hazina, li f'dan il-kaz kienet possessjoni. Mela hawnekk ghal darba ohra t-tajjeb u l-hazin jiltaqghu, u bejn wiehed u iehor l-istess espressjonijiet jergghu johorgu ghad-dawl. Ix-xitan jaghraf min kien Gesù u jitwerwer (sforz l-gharfien tajjeb tieghu) quddiemu. Din id-darba ma kienx hemm spirtu hazin wiehed izda kien hemm 'legjun', ghax kienu hafna. F'dan il-kaz l-ezorcizmu ta' Gesù jirrivela x-xewqa tal-Legjun: ma riedx imur 'fl-abissi - fl-infern'. Mela b'mod indirett ix-xewqa ta' l-ispirti l-hziena urietna xorta wahda d-disperazzjoni. U Gesù ghal darba ohra juri l-awtorità tieghu fuq l-ispirti l-hziena. Meta Gesù kecca x-xjaten u tefaghhom fil-qzieqez, kien qed jaghti sinjal li wasal iz-zmien tar-rebha tas-saltna ta' Alla fuq is-saltna tax-xitan, li jahdem bil-qawwa tal-paganezmu galadarba l-art tal-Gerasin kienet art pagana.

Din tista' tkun grajja li tfakkarna kemm ma nifilhux ghall-presenza tal-Mulej, ghall-presenza tas-sewwa, meta nehlu f'atteggjamenti ta' dnub jew atteggjamenti zbaljati...

*Gesù laqqagna mieghek permezz ta' kull esperjenza li nghixu, anke jekk tkun ckejkna, u ghamel li f'din il-laqgha ahna wkoll niksbu d-dinjità ta' bnedmin bhar-ragel imxajtan u mehlus.*

(4) <u>Gesù jfejjaq tifel u jehilsu mix-xitan: Luqa 9, 37-42.</u>

*L-ghada, huma u nezlin minn fuq il-muntanja, marru jilqghuh hafna nies. U wiehed ragel mill-folla rafa' lehnu u qallu: 'Mghallem, nitolbok, hares harsa lejn ibni, ghax lilu biss ghandi. Ara, l-ispirtu jaqbdu u minnufih jibda jghajjat, ikaghwgu ma' l-art kollu raghwa, u jhallih imfarrak wara tbatija kbira biex johrog minnu. Tlabt lid-dixxipli tieghek biex ikeccuh minnu, izda ma setghux.' Wiegeb Gesù u qal: 'Ja nies bla fidi u hziena, kemm se ndum maghkom u nissaportikom? Gibli lil Ibnek hawn.' Huwa u riesaq, ix-xitan beda jsabbtu u jkaghwgu ma' l-art. Imma Gesù hedded hafna lill-ispirtu mnigges, fejjaq lit-tifel, u raga' tah lil missieru. U kulhadd tnixxef bil-ghageb quddiem dan il-kobor li ma bhalu ta' Alla*

Interessanti ninnutaw il-fidi tar-ragel li hareg b'wiccu minn quddiem u beda jistieden it-talb ta' Gesù fuq ibnu li kien imxajtan, anke jekk il-fejqan tad-dixxipli tieghu ma kien halla l-ebda effett. Dan nistghu nghiduh ghaliex l-awtur sagru jiddeskrivi tajjeb is-sintomi tal-marda tat-tifel. U dan ghamlu biex l-ewwel nett ihejji lilna l-qarrejja biex nifhmu u nagharfu s-setgha ta' Gesù permezz tal-fejqan u fl-istess hin juri li s-setgha tad-dixxipli kienet tiddependi minn Gesù, filwaqt li l-qawwa tal-fejqan kienet tiddependi wkoll mill-fidi taghhom.

Ma ninsewx li Gesù kien ga tahom is-setgha fuq ix-xjaten kollha. Anke f'din l-istorja x-xitan immanifesta ruhu fit-tifel billi kien isabbtu ma' l-art; quddiem l-awtorità assoluta ta' Gesù x-xitan kellu jobdi u jmur minn fejn gie. Imbaghad Gesù ma qabadx u telaq izda rega' radd it-tifel lil missieru. Tajjeb li ninnutaw ukoll li qabel dan il-fejqan Gesù kien ghadu kif nizel mill-muntanja. Forsi hawn San Luqa jghaqqad it-Trasfigurazzjoni ta' Gesù fuq il-muntanja mal-hidma tieghu fuq l-art. Gesù, mill-esperjenza tal-glorja tas-sema, jinzel ghall-missjoni ta' salvazzjoni fost il-bnedmin fuq l-art.

F'din l-istorja jolqtuni is-sentimenti ta' Gesù, mhux biss lejn il-missier u lejn l-iben, izda b'mod partikulari lejn ir-relazzjoni li kien hemm bejniethom. Nistghu nghidu li l-fejqan mhux biss heles lit-tifel, izda wkoll qanqal relazzjoni gdida bejn ir-ragel u ibnu permezz ta' l-imhabba li ssalva ta' Kristu Gesù nnifsu u sforz ix-xewqa herqana u d-disponibilità li kellu l-missier.

*Mulej, nitolbuk tikisser il-hidma tax-xitan fil-hajja taghna, u thallix la hwejjeg zghar u lanqas kbar jimblukkaw ir-relazzjoni taghna mieghek. Aghtina l-grazzja li bhal dan ir-ragel inkunu mimlija bil-fidi u nilqghu il-hidma kollha tieghek fil-hajja taghna.*

## (C) <u>L-azzjoni ta' Satana</u>

Mghejunin mir-rivelazzjoni tal-Bibbja u mill-esperjenza tal-Knisja issa naghtu skema biex niddeskrivu l-azzjoni tax-xitan.

Nistghu nghidu li x-xitan ghandu attività ordinarja u attività jew azzjoni straordinarja. Dik ordinarja hija t-tentazzjoni li naghmlu l-hazen, id-dnub. Ix-Xitan jahdem fuq id-dghufija taghna biex igarrabna. L-azzjoni ordinarja hija komuni ghal kulhadd, u kif rajna, anke Gesù innifsu kien imgarrab mill-istess xitan. Gesù jghallimna nirbhu u nissieltu kontra t-tigrib : I*shru u itolbu biex ma tidhlux fit-tigrib* (Mattew 26,41).

In-nisrani huwa msejjah jissielet kontra t-tigrib biex jikber fl-imhabba ta' Alla u ta' ghajru.

Minhabba l-iskop ta' dan il-ktejjeb, nippruvaw naghtu lista ta' l-azzjoni straordinarja tax-xitan. Izda tajjeb li wiehed jifhem li dawn id-distinzjonijiet spiss ma tistax taqtaghhom b'sikkina !

1. <u>Disturbi esterni:</u> dawn huma tbatijiet fizici gejjin mix-xitan. Ghal dan bizzejjed niftakru f'xi hajjiet ta' qaddisin, bhalma kien San Gwann Marija Vianney, il-Kurat ta' Ars, jew Patri Piju tal-hames pjagi.

2. <u>Il-possessjoni djabolika:</u> li wiehed ikun 'mahkum' minn spirtu hazin. Din hija l-forma l-aktar gravi li timplika l-presenza tax-xitan f'persuna anke jekk l-azzjoni tal-hazin mhijiex kontinwa. Din tista' tidher f'manifestazzjonijiet ta' blokkagg temporanju fil-mohh, fl-intellett, fl-affett u fil-volontà. Tista' turi ruhha f'ilsna l-aktar strambi li bihom titkellem persuna, qawwa fizika straordinarja, gharfien ta' affarijiet okkulti jew ta' dak li qed jahseb haddiehor. Tidher spiss fl-avverzjoni ghal dak kollu li hu sagru, fid-daghha, ix-xewqa ghas-suwicidju, ecc...

3. <u>Il-vessazzjoni djabolika:</u> din tidher f'certi disturbi li thoss il-persuna minn zmien ghal zmien, per ezempju, f'dak li ghandu x'jaqsam mas-sahha, max-xoghol, fir-relazzjonijiet ma' l-ohrajn, ir-rabja minghajr raguni, li wiehed jinqata' minn ma' l-ohrajn. Hawnhekk m'ghandniex 'possessjoni', u lanqas ma ahna nitkellmu mis-saram u mir-rejaltà iebsa tal-hajja ta' kuljum - imma minn saram li wiehed jaghraf bhala gejjin mix-xitan.

4. <u>L-ossessjoni djabolika:</u> jew ahjar biex ma nhalltux ma' ossessjonijiet li jsibu l-gheruq taghhom fuq livell psikiku biss, l-oppressjoni djabolika: din timmanifesta ruhha fi hsibijiet assurdi li jsiru ossessjoni, fix-xewqa ghas-suwicidju - din xi kultant tipproduci irdoppjament tal-personalità, rieda hielsa iva, izda mjassra / oppressa bi hsibijiet ossessivi li bhala ghajn ghandhom il-hidma tax-xitan.

5. <u>Is-soggezzjoni djabolika:</u> dan meta persuna, b'rieda hielsa tissottometti ruhha ghad-dominju tax-xitan, dak li jissejjah il-patt max-xitan, li fuqu nitkellmu aktar 'il quddiem.

6. <u>L-infestazzjoni djabolika:</u> tolqot id-djar, il-postijiet tax-xoghol, ghelieqi, oggetti u anke bhejjem.

Forsi ta' min jipprova jwiegeb skematikament ghall-mistoqsija, 'Kif jista' wiehed isib ruhu mahkum minn spirtu hazin?' 'Il quddiem nippruvaw nidhlu aktar fil-fond ta' hafna mill-affarijiet / kawzi li ser insemmu issa.

Ghax Alla jippermetti dan l-istat: niftakru li Alla ma jixtieqx la d-deni, la t-tbatija u lanqas it-tigrib. Imma galadarba zejjinna bir-rieda hielsa jippermetti l-hazen ... izda minnu jaf johrog it-tajjeb.

Meta wiehed isofri maghmul: il-vittma mghandiex htija imma ghandhom htija dawk li ghamlu l-maghmul kontra persuna, frott il-mibeghda, ecc. Kif nghidu aktar 'il quddiem, il-maghmul ghandu l-iskop li jwegga' lil haddiehor bil-qawwa tax-xitan.

Kawza ohra nsibuha f'meta wiehed jippersevera fid-dnub u fil-hazen. Wiehed jista' jieqaf f'atteggjament kroniku ta' mibeghda, perverzjonijiet sesswali, fil-vjolenza, fid-droga. Kawza ohra li trendi s-sitwazzjoni aktar gravi huwa d-delitt ta' l-abort.

Kawzi ohra li jifthu l-bieb ghall-azzjoni straordinarja tax-xitan huma: il-frekwenza ta' laqghat ma' postijiet jew ma' persuni 'negattivi', il-partecipazzjoni f'seduti spiritici, l-uzu tal-ouija board, il-magija, il-konsultazzjoni mas-shahar, ma' min jaqra x-xorti, min jipprattika l-okkultizmu, is-setet satanici, ir-riti satanici li jsibu l-aghar espressjoni fil-quddiesa s-sewda. Hawn ta' min jitkellem ukoll mill-influwenza negattiva tal-films pornografici, il-films tal-vjolenza, is-smigh ta' muzika 'negattiva' jew sahansitra satanika, il-kuntatt ma' postijiet li huma centru ta' prostituzzjoni, bejgh ta' droga u sfruttar ta' kwalunkwe tip.

Imma fuq dan kollu nitkellmu aktar 'il quddiem.

<u>Gesù hu l-Mulej!</u>

Tieghu hi s-saltna (Luqa 1,33)

Il-Missier ta lil Gesù kull setgha fis-sema u fl-art (Mattew 28,18)

Hu l-Iben ta' Alla maghmul bniedem, hu l-Feddej, il-Hellies. Hu s-sultan ta' l-univers (Mattew 26,64).

Is-setgha ta' Gesù, il-Mulej, hi setgha assoluta u bla limiti.

Hu il-Mulej ta' kulhadd (Appokalissi 19,16).

Gesù hu Alla (Kolossin 1,19 ; 2,9).

Gesù hu l-iktar qawwi, hu r-rebbieh fuq l-ghadu li haseb li kien qawwi (Luqa 11,21-22). Quddiem il-Mulej Gesù Satana u l-angli tieghu jitrieghdu

u jridu jobdu l-ordnijiet tieghu (Luqa 5,1-13). Mhuma xejn quddiem il-Mulej Gesù, l-Iben ta'Alla. U mhuma xejn ukoll quddiem Kristu li jahdem permezz tal-Knisja tieghu : *il-bibien ta' l-infern ma jeghelbuhiex* (Mattew 16,18) , la lilha u wisq u wisq aktar il-ministeru tal-fejqan u l-helsien maghmula f'isem l-istess Gesù.

<u>Il-Hazen</u>

Irridu naghmlu differenza bejn il-hazen u l-Hazin.

L-akbar forma ta' hazen hu d-dnub.

Bid-dnub, naghzlu li nitbieghdu minn Alla, mit-tajjeb, mill- Imhabba.

Id-dnub huwa anti mhabba: lejn Alla, lejna nfusna, lejn l-ohrajn u sahansitra lejn il-holqien.

Huwa hazen spiritwali: imiss lill-eziztenza shiha taghna, il-persuna shiha, ruh u gisem. Ahsbu ftit fil-vizzji kapitali: is-suppervja, l-ghira, il-korla, il-lussurija, il-gula, l-ghazz.

Il-hazen tad-dnub jidhol fl-intimu tal-bniedem, F'qalbu (Mattew 15,19) jekk il-bniedem jinfetah ghalih, bl-uzu hazin tal-helsien tieghu. Il-bniedem hu personalment responsabbli ghad-dnub tieghu.

Xi kultant insibuha facli nwahhlu l-hazen tad-dnub taghna fuq haddiehor, fuq affarijiet u sahansitra fuq ix-xitan. 'Il-verita' tehliskom', jghid Gesù (Gwanni 8,32). Attenti, inharsu lejn ir-responsabilitajiet taghna qabel ma nwahhlu fl-ohrajn, fic-cirkustanzi, fix-xitan.

<u>Il-Hazin</u>

L-Anglu ribell hu esseri personali, pervertit u jipperverti. Kapaci biss jobghod, lil Alla u lill-bnedmin.

Ix-xitan, il-hazin, jezisti: hu *il-princep ta' din id-dinja*, dak li jgarrab, l-ghadu, Beghelzebul, missier il-gideb, qattiel sa mill- bidu.

Kristu Gesù jikxef il-qerq tal-Hazin, ghemilu; tieghu u ta' l-ispirti l-hziena kollha. Jipprova juri ruhu bhala *anglu tad-dawl*, imma hu l-qarrieq, l-gemejjel tiegu jsibu l-gheruq taghhom fil-mibeghda.

L-espressjonijiet u l-manifestazzjonijiet tal-hazin jidhru : fuq kollox fid-dnub, l-attegjamenti kollha li jzebilhu lill-bnedmin, lil Alla, il-prattika ta' l-okkultizmu, u s-satanizmu.